**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Robert Said Sarreo]**

**vs**

**Wilton Gatt**
**-Omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru: 638/15**

**Illum, sitta (6) ta' Mejju, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Wilton Gatt detentur tal-karta tal-identità bin-numru 20896M u -Omissis- akkuzati talli:

1. **Matul il-lejl ta' bejn l-10 u il-11 ta' Awwissu 2015 gewwa Birzebbugia, kkommettew serq ta' 3 muturi ta' dghajjes, ghad-detriment ta' Emmanuele Vassallo, David Mifsud, Francis Barbara u/jew persuna/i ohra, li l-valur taghhom jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro u l-erbgha u disghin euro ċenteżmi (232.94 Euro) izda aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-lok u bil-hin, u dan bi ksur ta' l-artikoli 261, 267, 269 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

   **Lil -Omissis- wahdu:**

2. **-Omissis-;**

3. **-Omissis-**

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li kien wiegeb hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta nhar it-13 ta' Awwissu 2015;

Illi rat li din is-sentenza giet appellata mill-Avukat Generali liema sentenza mill-Qorti tal-Appell inghatat fit-28 ta' Settembru 2017 fejn gie deciz is-segwenti:

> *"11. Inoltre, fil-konfront tal-hati Willton Gatt, fit-termini tal-artikolu 23(1)(b) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tibghat lill-istess quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex dik il-Qorti titratta mieghu ghall-ksur tal-Ordni ta' Probation moghti fis-sentenza tat-28 t'April, 2014."*

Illi din il-Qorti rat illi bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell l-imputat Wilton Gatt gie ssentenzjat ghal piena ta' prigunerija ta' hdax (11)-il xahar ghall-akkuzi wiehed (1) u tlieta (3) u rrimandat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati sabiex tiehu konjizzjoni tal-akkuza numru tnejn (2) u cioè fuq ksur tal-Ordni tal-Probation. Illi kwindi d-decizjoni odjerna ghandha tkun limitata biss ghal din l-akkuza.

Rat illi permezz ta' digriet tal-Prim Imhallef datat 23 t'Ottubru 2017 in atti din il-Qorti kif presjeduta giet assenjata lilha din il-kawza.

Rat illi ghal diversi snin, ghal xi raguni, l-imputat baqa' ma nstabx mill-prosekuzzjoni sakemm ma deher fis-seduta

tat-tmienja (8) ta' Novembru 2021 fejn id-difiza talbet li jitqieghed taht Ordni ta' Supervizjoni Temporanja liema talba giet milquha.

Semghet ghal diversi drabi l-ufficjal tal-Probation hekk imqabbda fejn din iddikjarat illi l-imputat kien jattendi ghall-appuntamenti izda testijiet tal-urina juru illi huwa ghandu l-vizzju tad-droga cannabis. Tghid ukoll illi huwa gie negattiv ghad-drogi l-ohra. Illi dan baqa' konsistentement pozittiv ghad-droga cannabis u tul iz-zmien li din il-Qorti taghtu sabiex tara li sar kambjament sostanzjali, tali kambjament ma sarx izda gara xi haga fil-hajja ta' Wilton Gatt fejn naqqas mill-motivazzjoni ghall-hajja u beda jkun inkonsistenti fl-appuntamenti mal-ufficjal tal-Probation kif ukoll mal-psikologa.

Rat illi minkejja dan ir-rapport tal-ufficjal tal-Probation l-imputat xorta wahda zamm ferm l-ammissjoni tieghu fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2024.

Ikkunsidrat illi ghalkemm l-imputat ma baqax konsistenti fl-appuntamenti tieghu u baqa' wkoll ikun pozittiv ghad-droga kannabis, l-akkuza li qed tigi attribwita lilu hija dik ta' ksur ta' Probation Order principarjament minhabba l-fatt li hu kien baqa' pozittiv ghal din id-droga.

Illi din il-Qorti tosserva illi minn dak iz-zmien fejn kien gie akkuzat b'din l-akkuza sa issa, il-ligi tad-droga nbidlet hafna u evolviet fejn illum il-gurnata l-uzu personali tad-droga kannabis hija depenalizzata. Tenut kont ta' dan il-fatt din il-Qorti ma hijiex ser taghti piena karcerarja u lanqas wahda riformattiva hekk kif talbet id-difiza. Din il-Qorti ma taqbilx mad-difiza fejn tghid illi din il-Qorti ghandha taghti cans iehor lill-imputat biex jirriforma ruhu ghaliex induna issa li ghamel zball. L-imputat qatt ma wera li ghamel zball anzi! Però kif inghad aktar 'il fuq f'din is-sentenza din il-Qorti ghandha tittratta biss fuq il-ksur tal-Probation Order sancit mill-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 li jghid is-segwenti:

> *"21.(1) Jekk f'xi waqt matul il-perjodu ta' probation il-Qorti tal-Maġistrati, il-Qorti tal-Minorenni, il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Appell Kriminali, skont il-kaz, tkun tal-fehma li min ikun taht probation ikun naqas li jhares xi wahda mill-htigiet tas-sanzjoni komunitarja, il-qorti kompetenti tista' tohroġ tahrika li fiha titlob lil min ikun taht probation biex jidher quddiem dik il-qorti fil-post u l-hin hemm specifikati, jew tista', jekk ic-cirkostanzi jkunu hekk*

*jehtiegu, tohrog mandat ghall-arrest ta' min ikun taht probation:*

*Izda hlief meta n-nuqqas allegat jingieb ghall-attenzjoni tal-qorti permezz ta' rikors mill-ufficjal tal-probation, m'ghandhom jinhargu ebda tali tahrika jew mandat mill-Qorti rispettiva, hlief meta tinghata informazzjoni bil-miktub u li tkun konfermata b'gurament. F'kull kaz l-informazzjoni ghandha tigi pprezentata fi zmien tliet xhur minn nuqqas allegat minn min ikun taht probation:*

*Izda wkoll il-Qorti ghandha tappunta ghas-smigh ir-rikors fi zmien ghoxrin gurnata mill-prezentata tal-imsemmi rikors.*

***(2) Jekk jigi ppruvat ghas-sodisfazzjon tal-qorti, li min ikun taht probation jkun naqas milli jhares xi htiega ta' sanzjoni fil-komunità, dik il-qorti tista' minghajr pregudizzju ghat-tkomplija tas-sanzjoni, twahhal il hati ammenda ta' mhux izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94), jew tista' tittratta ma' min ikun taht probation, ghar-reat li dwaru tkun saret is-sanzjoni komunitarja, b'kull mod***

***kif il-qorti tista' tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat."***

Ghal dawn il-motivi fuq ammissjoni, u wara li rat l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Wilton Gatt** hati tal-akkuza kif dedotta kontrih (cioè ksur ta' Probation Order – tieni (2) akkuza) u tikkundannah ghal ammenda ta' mitejn, tnejn u tletin ewro (€232) pagabbli b'mod immedjat.

_____________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**